

Brussell, 24 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10752/26
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0359 (COD)

CODEC 1236
SIMPL 150
ANTICI 156
DATAPROTECT 210
CYBER 304
TELECOM 329

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2024/1689, (UE) 2018/1139 u (UE) 2023/1230 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Omnibus Diġitali dwar l-IA) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Dikjarazzjoni

Il-Greċja talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Estensjoni tal-obbligu – l-Artikolu 111 (paragrafu 4 ġdid) tal-Att dwar l-IA - OMNIBUS DIĠITALI DWAR l-IA - 2025/0359(COD) / PE-CONS 30/26

Il-Greċja tilqa' l-progress sinifikanti miksub fl-"Omnibus Diġitali dwar l-IA" permezz ta' diskussjonijiet kostruttivi, kemm fil-livell tal-Istati Membri fil-Kunsill kif ukoll fit-trilogi mal-Parlament Ewropew. Tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li ssib bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej—bilanċ li jinkiseb b'dan it-test ta' kompromess, li għalhekk aħna nappoġġaw. Nixtiequ wkoll inroddu ħajr lill-Presidenza Ċiprijotta, li kien bl-isforzi u l-gwida tagħha li lħaqna dan it-test ta' kompromess malajr u b'mod deċiżiv.

Madankollu, nixtiequ ntennu n-nuqqas kbir ta' sodisfazzjon li għandna bil-perjodu ta' grazzja ta' erba' xhur għat-tikkettar tal-kontenut iġġenerat mill-intelliġenza artifiċjali (l-Artikolu 111(4), kif emendat). Għandu jiġi mfakkar li, diġà matul id-diskussjonijiet fil-livell tal-Kunsill dwar il-mandat ta' negozjar, il-Greċja ppreżentat dikjarazzjoni dwar din il-kwistjoni, fejn talbet li ma tingħata l-ebda estensjoni.

Il-Greċja tibqa' tal-fehma li dan huwa obbligu ta' importanza kbira, marbut direttament mal-fiduċja fl-informazzjoni u l-protezzjoni tal-proċess demokratiku, u għalhekk nesprimu d-dispjaċir tagħna għall-posponiment ta' dan l-obbligu.
